

Brussell, 10 ta' Novembru 2015
(OR. en)

13677/15

CO EUR-PREP 48
POLGEN 160
ENV 669
MI 685
COMPET 491
IND 171
ECOFIN 828
SOC 638
EDUC 290
EMPL 420

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2016 - Pjan Direzzjonali

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt il-pjan direzzjonali msemmi hawn fuq kif ippreżentat mill-Presidenza u l-Presidenza li jmiss.

Skont prattika stabbilita, il-Previdenza u l-Previdenza li jmiss ħejjew dan il-pjan direzzjonali dwar is-Semestru Ewropew 2016.¹ Il-pjan direzzjonali jiddeskrivi l-passi ewlenin kollha tas-semestru tal-2016 u, fejn adatt, jagħti indikazzjonijiet preliminari dwar fuq xiex ser jikkonċentraw id-diskussjonijiet.

L-objettivi tal-pjan direzzjonali huma li jiġi żgurat li l-konfigurazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill, u l-korpi preparatorji tagħhom, jaħdmu b'mod koordinat u konsistenti lejn thejjiġa fid-dettall tad-dibattiti tal-Kunsill Ewropew dwar is-semestru Ewropew u biex il-Kunsill Affarijiet Ġenerali u l-COREPER ikunu jistgħu jissorveljaw il-proċess.

Il-pjan direzzjonali huwa maqsum f'żewġ fażijiet: l-ewwel, b'aktar dettalji, sal-Kunsill Ewropew ta' Marzu, u t-tieni, aktar indikattiv, għall-perijodu bejn il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew f'Marzu u Ġunju 2016. Ser jiġi ppreżentat pjan direzzjonali aġġornat fir-rebbiegħa tal-2016, kif xieraq.

Il-Previdenza li jmiss ser tittratta s-Semestru Ewropew b'mod olistiku, filwaqt li tindirizza l-pakkett dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir flimkien mal-kwistjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs). Il-Kunsilli tar-Rebbiegħa ser jiddedikaw attenzjoni speċifika lill-kontrolli tal-aħjar prattiki u l-ostakli fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Dan ser jippermetti lill-ministri biex jeżaminaw kif gwida u konklużjonijiet fil-livell tal-UE jissarf u f'azzjoni nazzjonali u kif din tista' tittejjeb aktar.

Ir-riformi previsti fir-rapport tal-Ħames Presidenti dwar l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa rigward is-Semestru Ewropew ser jiġu diskussi fi ħdan il-Kunsill b'mod parallel għas-Semestru Ewropew innifsu. Il-Previdenza u l-Previdenza li jmiss ser jiżguraw l-interkonnessjonijiet meħtieġa.

Il-Previdenza li jmiss qed tniedi diskussjonijiet mal-presidenti tal-Kumitati (KEF, il-KPE, l-EMCO u l-KPS) u l-President tal-HLG-COMPACT bil-ħsieb li tiġi kkoordinata l-ġestjoni tal-ħidma tagħhom matul is-semestru. Il-Previdenza li jmiss ser iżżomm lill-COREPER infurmat.

Il-Previdenza u l-Previdenza li jmiss jirrikonoxxu d-dimensjoni parlamentari, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, tas-Semestru Ewropew u jieħdu nota tal-intenzjoni għal Dibattitu konġunt dwar is-Semestru Ewropew mal-Parlament Ewropew previst għal Marzu 2016.

¹ Dan il-pjan direzzjonali huwa mingħajr preġudizzju għad-diskussjoni ġenerali dwar ir-rapport tal-Ħames Presidenti dwar l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa.

Thejjiġa għall-Kunsill Ewropew ta' Marzu

p.m. 21 ta' Ottubru 2015: Pakkett tal-UEM

- Adozzjoni, mill-Kummissjoni, tal-Komunikazzjoni dwar passi lejn l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, inklużi proposti dwar Semestru Ewropew imġedded

p.m. 26 ta' Ottubru 2015: Kunsill Ambjent

- Semestru Ewropew: skambju ta' fehmiet b'enfasi fuq sussidji ta' ħsara għall-ambjent bil-ħsieb li jsir kontribut għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016 u implimentazzjoni ta' leġislazzjoni u politiki ambjentali

16 ta' Novembru 2015: opinjonijiet dwar l-Abbozz ta' Pjanijiet Baġitarji

- Adozzjoni, mill-Kummissjoni, tal-opinjonijiet dwar l-Abbozz ta' Pjanijiet Baġitarji għall-Istati Membri taż-żona tal-euro

17 ta' Novembru 2015: Kunsill Affarijiet Ġenerali

- Preżentazzjoni, mill-Presidenza u l-Presidenza li jmiss, tal-pjan direzzjonali tal-2016 dwar is-Semestru Ewropew
- p.m. Thejjiġa tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru: abbozz ta' aġenda annotata

18 ta' Novembru 2015: Pakkett tas-Semestru Ewropew 2016

- Adozzjoni, mill-Kummissjoni, tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016 flimkien mal-abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija u l-proposta għal Linji Gwida dwar l-Impjiegi, u tar-Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida wiesgħa għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (ir-rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro)

30 ta' Novembru - 11 ta' Diċembru 2015: Laqgħat bilaterali Kummissjoni - Stati Membri

- Sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

7 ta' Diċembru 2015: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur

- Semestru Ewropew 2016: preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u l-pakkett UEM

8 ta' Diċembru 2015: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Semestru Ewropew 2016: preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u l-pakkett UEM

15 ta' Diċembru 2015: Kunsill Affarijiet Ġenerali

- Semestru Ewropew 2016: preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet
- p.m. Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru: abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew

17-18 ta' Diċembru 2015: KUNSILL EWROPEW

- p.m. segwitu għar-rapport tal-Ħames Presidenti dwar l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa

14 ta' Jannar 2016: Grupp tal-Euro

- Tħejjija tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar linji gwida wiesgħa għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

15 ta' Jannar 2016: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Approvazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida wiesgħa għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro
- Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016 u Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija: Konklużjonijiet tal-Kunsill

16 ta' Frar 2016: Kunsill Affarijiet Ġenerali

- Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu: abbozz ta' aġenda annotata

16-17 ta' Frar 2016: Ġimgħa parlamentari fil-qafas tas-Semestru Ewropew

- Dibattiti bejn il-membri tal-komitati rilevanti mill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali

18-19 ta' Frar 2016: KUNSILL EWROPEW

- Approvazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida wiesgħa għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

24 ta' Frar 2016 (għad irid jiġi kkonfermat):

- Publikazzjoni tal-analiżi speċifika għall-pajjiż (rapporti tal-pajjiżi) mill-Kummissjoni, inkluż, fejn rilevanti, ir-Analiżi fil-fond tal-MIP

24 ta' Frar 2016: Kunsill Edukazzjoni

- Kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għat-tkabbir u l-impjiegi, abbażi tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016 u l-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2016

29 ta' Frar 2016: Kunsill Kompetittività

- Implimentazzjoni ta' Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż abbażi ta' preżentazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rapporti tal-pajjiżi u b'enfasi fuq rakkomandazzjonijiet mikroekonomiċi (Suq Uniku): skambju ta' fehmiet
- Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016: skambju ta' fehmiet

p.m. sal-bidu ta' Marzu 2016:

- Approvazzjoni tal-programmi ta' ħidma tal-2016 mill-KEF, il-KPE, l-EMCO u l-KPS

4 ta' Marzu 2016: Kunsill Ambjent

- Semestru Ewropew/Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016 u l-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli: skambju ta' fehmiet

7 ta' Marzu 2016: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur

- Implimentazzjoni ta' Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż abbażi tar-rapporti tal-pajjiżi: skambju ta' fehmiet
- Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016: Konklużjonijiet tal-Kunsill (inkluż dwar aspetti tas-saħħa)
- Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi: adozzjoni
- Approċċ ġenerali dwar il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi

8 ta' Marzu 2016: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Implimentazzjoni ta' Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż abbażi tar-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija u r-rapporti tal-pajjiżi: skambju ta' fehmiet
- Approvazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida wiesgħa għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

7-10 ta' Marzu 2016: Sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew

- Dibattitu kongunt dwar is-Semestru Ewropew 2016 (ghad irid jigi kkonfermat)

15 ta' Marzu 2016: Kunsill Affarijiet Ġenerali

- Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu:
 - Abbozz ta' konklużjonijiet
 - Rapport ta' sinteżi dwar il-kontributi tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2016
 - Poss. pjan direzzjonali agġornat dwar is-Semestru Ewropew 2016

17-18 ta' Marzu 2016: KUNSILL EWROPEW

- Skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni ekonomika
- Implimentazzjoni tas-CSRs u gwida lill-Istati Membri għall-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom għall-2016

minn Marzu sa Mejju:

- Ħidma tal-KEF, il-KPE, l-EMCO u l-KPS fuq ir-rapporti tal-pajjiżi, inkluż, fejn rilevanti, Analiżi fil-fond tal-MIP

April-Mejju 2016:

- Adozzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi

Thejjiġa għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju

It-tieni nofs ta' Marzu 2016: Laqgħat bilaterali Kummissjoni - Stati Membri

- Sitwazzjoni attwali
- Kwistjonijiet pendenti speċifiċi għall-pajjiżi

Nofs April 2016:

- Wara l-gwida pprovduta mill-Kunsill Ewropew, l-Istati Membri jippreżentaw il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza

Nofs Mejju 2016 [id-data tiddependi miż-żmien tad-dokumenti nazzjonali]:

- Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-proposti tagħha għall-Opinjoni tal-pajjiżi u r-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) u skedi tematiċi aġġornati
- Immedjatement wara l-pubblikazzjoni tas-CSRs, ser jiġu kkonfermati t-tqassim tax-xogħol u l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn il-kumitati kif ukoll il-metodi għall-konsolidazzjoni tal-fehmiet tal-kumitati

25 ta' Mejju 2016: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi (MIP) - Rapporti tal-pajjiżi (Analiżi fil-fond):
Konklużjonijiet tal-Kunsill

24 ta' Mejju 2016: Kunsill Affarijiet Ġenerali

- Thejjiġa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju: abbozz ta' aġenda annotata

Mejju - bidu ta' Ġunju:

- Ħidma preparatorja tal-KEF, il-KPE, l-EMCO u l-KPS dwar ir-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi²

16 ta' Ġunju 2016: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur

- Approvazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2016 relatati mal-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali tal-Istati Membri u abbozz ta' nota ta' spjegazzjoni
- Approvazzjoni tal-opinjoni tal-EMCO u l-SPC dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma għall-2016 u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2015
- Approvazzjoni tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u punti ta' riferiment

² B'kontributi mill-Kumitat tal-Edukazzjoni u l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika (Livell għoli)

17 ta' Ġunju 2016: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Approvazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2016 u l-Opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi aġġornati ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza u abbozz ta' nota ta' spjegazzjoni
- (Poss.) Implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi (MIP)

21 ta' Ġunju 2016: Kunsill Affarijiet Ġenerali

- Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju: abbozz ta' konklużjonijiet
- Approvazzjoni ta' Rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi u trasmissjoni lill-Kunsill Ewropew

23-24 ta' Ġunju 2016: KUNSILL EWROPEW

- Approvazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi

Lulju 2016: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Adozzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi
